Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 12 – L-Erbgħa 7 ta' Mejju 2025 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 7 ta' Mejju 2025 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| | |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

## 12.1 Talba

12.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati

## 12.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

12.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 12.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.4.1 Is-Sindku beda b'aħbar pożittiva fejn il-Kunsill tagħna se jingħata il-fondi massimu ta' €20,000 għal SPI/SCI/02/2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025 / 2026 li se jintużaw għal 'Iljieli Sajfin – 2025'. Rigward l-iskema ġdida li ġiet mnedija minn Pjazza ghal Pjazza li tammonta ghal

ghotja ta' €25,000 is-Sindku propona li napplikaw ghaliha sena ohra f'kaz li ma nehduhx il-flus sena ohra mill-iskema tal-attivitajiet kulturali.

12.4.2 Is-Sindku għamel refrenza għal laqgħa li kellu mal-LESA fejn ġew diskussi diversi temi important ta' infurzar fi-lokalita'. Fil-laqgħa issemew żoni ta' 'hotspots' fejn hemm ħruġ ta' boroż mhux skond l-skeda kif wkoll problemi ta' parkeġġ. L-uffiċjali tal-LESA qed jissuperixxu li Triq Lourdes mill-parti t'isfel ta' Triq l-Imġarr tigi one way sabiex ħadd ma' jaqsam kontra l-linja. Sar qbil li ghandna nressqu din it-talba lill-Transport Malta.

12.4.3 Is-Sindku qal wkoll li numru ta' residenti urew it-tħassib u anke rabja minħabba l-fatt li issa sabiex tmur Kemmuna li hija parti minn Għajnsielem trid tibbukja minn qabel. Huwa qal li hija sfortuna li l-Kunsill tagħna f'ebda stadju ma' ġie avviċinat u wisq anqas ikkonsultat. Is-Sindku qal li mhux aċċettabli li ma' ssir ebda forma ta' konsultazzjoni mal-Kunsill peress li Kemmuna taghmel parti minnha. Il-Kunsill se jkun qed jsegwi l-aħħar żviluppi.

12.4.4 Is-Sindku spjega kif issa li ħareg il-permess biex jitneħħa l-plastic l-aħdar mit-triq tax-Xatt l-Aħmar, dan ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

12.4.5 Is-Sindku jixtieq jirringrazzja lil Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar tal-platform tal-injam li għamel ix-xatt l-Aħmar fiż-żona li tagħti għal tal-ingliżi.

## 12.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

12.5.1 Il-Viċi Sindku faħħar il- platform li saret fix-Xatt l-Aħmar u wera t-tħassib tiegħu li jista jkun li jgħaddu minn fuqha bil-muturi.

12.5.2 Il-Viċi Sindku talab ukoll sabiex nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex li jkollna ħaddiem li jieħu ħsieb ir-restawr tal-presepju Bethlehem f'Għajnsielem L-iskop huwa li jkun hemm ħaddiem tal-post biex ma jintlaqax kollox f'daqqa x'ħin toqrob l-attivita'.

12.5.3 Il-Viċi Sindku rrefera għall-ilmenti li qed jirċievi rigward ħtieġa ta' titjib fil-knis tat-toroq. Is-Sindku wieġbu li peress li bħalissa sakemm jiġi awarded it-tender il-ġdid, il-kuntrattur qed jaħdem b'anqas operaturi u mhux ilaħħaq. Nittamaw li l-offerta tkun evalwata u magħluqha kemm jista jkun malajr.

12.5.4 Il-Viċi Sindku staqsa kif ser tiġi addottata s-sistema tat-tbattil tal-bins, issa li l-ħaddiem li kien inkarigat minnhom ser jiġi trasferit. Il-Kunsill qabel li t-tbattil tal-bins għandu jitqassam bejn il-ħaddiema l-oħra kollha.

12.5.5 Il-kunsillier Stephen Mercieca staqsa kif kien baqa l-Kunsill fil-proċess tat-tneħħija tat-trailers minn Triq il-Brieghen. Is-Sindku wieġbu li fil-biċċa l'kbira tagħhom tħarrku u fuq li fadal qed naraw li nimxu mal-proċedura biex filkaż jingħataw għal bejgħ tal-ħadid.

12.5.6 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex jinqata 'l- ħaxix ħażin fi triq taċ-ċimiterju. Is-Sindku wieġbu li huwa konxju iżda l-ħaddiema jinsabu mħabbtin u diffiċli li jinqata' dan ix-xahar.

12.5.7 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għal-laqgħa li kellu mal-foreman tad-drenaġġ u assigurah li d-drenaġġ fix-Xatt l-Aħmar mhux ser jerġa jinstadd.

12.5.8 Il-kunsillier Stephen Mercieca ssuġġerixxa li għandna nerġgħu norganizzaw ġita Sqallija u ninkludu Taormina.

12.5.9 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għas-servizz tal-van li qed isir *demanding* ħafna u wasal iż-żmien li nsibu *part-time driver.* Sar qbil li għandna nillimitaw is-servizz għall-appuntamenti ta' saħħa biss.

12.5.10 Il-kunsillier Teddy Saliba propona li dawn l-istations tal-kollezzjoni tal-ħwejjeġ hux ta' min inneħħuhom għax qed iservu ta' miżbla billi qed iħallu madwarhom.

## 12.6 Korrispondenza

12.6.1 Ma kienx hemm korrispondenza x'tiġi diskussa.

## 12.7 Update dwar il-Proġetti

12.7.1 Saret diskussjoni dwar l-andament tal-proġetti kurrenti fosthom:-

**12.7.2 Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.**

- Qed jigi ippjanat sabiex ix-xogħol jibda qabel is-sajf
- Sar qbil li minflok bollards li hemm riskju li t-tappieri jkunu jħabbtu jsiru barriers sbieħ

**12.7.3 Proġett tal-Misraħ fi' Pjazza Madonna ta' Loreto**

- Saret laqgħa onsite nhar is-Sibt 3 ta' Mejju bejn is-Sindku, rappreżentati tal-Kurja, Arċiptriet, Għaqda Armar u rappreżentantmill-Kummissjoni tal-Arti Sagra kif wkoll il-Perit sabiex tiġi diskussa aħjar il-'water feature' f'parti minn dan l-Ipsazju miftuħ. Sar qbil fuq id-disinn u matul dawn il-ġranet se tiġi sottomessa l-applikazzjoni mal-KPKK (Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku) u eventwalment kif jkollna l-approvazzjoni ssir l-applikazzjoni ma' l-Aworita tal-Ippjanar. Is-sinifikat tal-ilma f'dan il-proġett jissimbolizza l-għajn tal-ħajja.

**12.7.4 Triq Hamri**

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni sajf. Ix-xogħol mistenna li jsir fil-bidu tas-sajf.

**12.7.5 Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.**

- Qed jigi ppjanat sabiex ix-xogħol jibda qabel is-sajf
- Sar qbil li jinbidlu il-bollards minħabba ir-riskju li t-tappieri jkunu jħabbtu u minflok isiru barriers sbieħ bir-reflectors, roti u kkuluriti li jkunu apposta tal-post.

**12.7.6 Ġnien quddiem l-iskola Primarja**

- Kien hemm biss offerta waħda mill-RFQ għax-xiri tal-'book-benches' li żgur se jservuta' attrazzjoni u jikkumplimentaw dan il-proġett.
- Hedges huma lesti kif wkoll l-irrigation.

### 12.7.7 Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra

- Qed jsiru l-applikazzjonijiet u permesssi meħtieġa mal-BCA u trenching
- Tlesta survey wkoll tal-post
- Il-mira hi li jkun l-lest sal-aħħar tas-sena.

### 12.7.8 Proġett Playingfield Amabile Cauchi

- Tkomplew jsiru laqgħat kull nhar ta' ġimgħa bejn Kunsill, kuntrattur u perit kif wkoll mal-ġardinar tal-kuntrattur sabiex is-siġar jiġu ssalvalgwardjati waqt ix-xogħol.
- Qed nistennew stimi tal-insurnace sabiex issir garanzija u jinħareġ il-permess mill-BCA sabiex ix-xogħol ikun jista jibda.
- Il-ħaddiema tal-Kunsill żarmaw l-equipment u tapiti.

### 12.7.9 Bini Arkata

- It-tender dwar il-bini tal-arkata ġie awarded u beda il-proċess mal-BCA qabel jibda ix-xogħol

### 12.7.10 Tisqifa daħla tal-Iskola u Tkabbir tat-terrazin

- Il-Perit ser japplika skond il-pjanti li ġew diskussi fil-Laqgħa Kunsill
- Se jingħaqad it-terrazzin tas-Sala tal-Kunsill mat-terrazin tal-Librerija u daħla skola

### 12.7.11 Ġnien Briegħen mal-Kunsill tax-Xewkija

- Se jsiru diskussjonijiet mas-Sindku l-ġdid tax-Xewkija sabiex naraw kif se jkun il-pjan ta' ħidma fuq dan il-proġett.

### 12.7.12 Ġnien quddiem il-Kunsill

- Il-Perit se jagħmel pjan dwar kif jitqassam ix-xogħol marbut ma' dna il-proġett u x'jista jsir bil-finanzjament li għadna.
- Il-finazjarjament se jkun minn skema tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.
- Rudolph Cauchi għandu jibda ir-restawr tal-monument tal-Vittmi tal-Gwerra kif maqbul fil-laqgħat preċedenti fl-aħħar ta' Mejju.

### 12.7.13 Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes

- Il-Perit lesta il-*method statement* u speċifikazzjonijiet għal ħruġ tat-tender.
- Dawn inbagħtu lill- Kurja sabiex jagħtu l-opinjoni tagħhom. Ftit tal-ġranet ilu il-Kurja bagħtu xi punti li xtaqtu li jiżdiedu u dawn se jkunu qed jiġu inkorporati mal-publikazzjoni tat-tender.
- Il-finanzjament tal-proġett se jkun mil-fond tal-LESA

### 12.7.14 Tisbiħ tat-taraġ wara il-Grand Hotel / Triq Hamri

- Ġew preżentati disinni u kunċett mill- Perit Jonathan Cassar
- L-istima tax-xogħolijiet hi ta' madwar €20,000 u jiddpependi x'tip ta materjali jintużaw
- Il-Kunsill qabel li japplika għal fondi meta jkun hemm possibilta li dan il-proġett jikkwalifika.

## 12.8 Deċiżjoni dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fuq applikazzjoni tal-iżvilupp numru PA3966/19

12.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-vot li l-Kunsill għandu fuq il-Bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar fid-deċiżżjoni tal-applikazzjoni Numru : PA 3966/19 - To upgrade existing concrete batching plant facility (Class 5B) approved in PA2443/14 by relocating the facility to adjacent site beneath existing site levels - upgrading to consist of additional ancillary offices and underground ancillary parking. Site at, Triq il-Qala, Għajnsielem.

12.8.2 Wara diskussjoni dwar din id-deċizzjoni, u wara bosta lmenti li l-Kunsill irċieva mir-residenzi ta' Ghajnsielem sar qbil li għandu jittieħed vot dwar id-decizzjoni ta' din l-applikazzjoni. . Is-Sindku Kevin Cauchi, il-kunsillier Teddy Saliba u l-kunsillier Larry Buttigieg ivvotaw kontra dan il-proġett filwaqt li l-kunsillier Stephen Mercieca u l-Viċi Sindku Joseph Debono astjenew mill-vot tagħhom. Għalhekk sar qbil li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal din l-applikazzjoni peress li minkejja li jidher li hemm proposti pożittivi speċjalment fejn hemm iż-żieda ta' siġar u parkeġġ għat-trakkijiet taħt l-art, il-Kunsill xorta huma kontra dawn l-impjanti daqstant qrib ir-residenzi bil-konsegwenzi kollha li jġibu magħhom f'dak li huwa trabijiet, storbju u eyesore ambjentali.

12.8.3 Is-Sindku Kevin Cauchi qal li filwaqt li jifhem li kienet deċiżjoni diffiċli għal kunsilliera u anke minħabba il-fatt li l-izviluppatur huwa wkoll l-kuntrattur ta' diversi xogħolijiet tal-Kunsill, finalment ma' nistgħux ninjoraw it-talba tar-residenti mhux biss li joqgħodu faċċata iżda anke ta' diversi toroq fl-inħawi 'Tal-Kaxxa' li kemm il-darba reqsu l-ilmenti tagħhom. Is-Sindku fakkar li finalment qed nirrapreżentaw l-vuċi tar-residenti u mhux tal-iżviluppaturi.

12.8.3 Il-Viċi Sindku Joseph Debono rrimarka li huwa ħass li konna neqsin mill-informazzjoni u djalogu.

12.8.4 Il-kunsillier Teddy Saliba rrimarka li huwa tajjeb li min eleġġina għandna nuruh li aħna qegħdin fuq in-naħa tiegħu u ta' appoġġ.

12.8.5 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrimarka li l-kuntratturi għamlu permess biex jirranġaw l-affarijiet. In-nies iridu jifhmu li l-impjant hemm ser jibqa. Huwa jifhem perfettament il-konċern tar-residenti u jappoġġjahom iżda l-pjan tal-applikazzjoni jidher li ser ikun għall-aħjar.

12.8.6 Il-kunsillier Larry Buttiġieg rrimarka li jħoss li bħalma l-Kunsill oġġezzjona minħabba l-ilmenti tar-resenti għall-applikazzjoni ta' sheep farm fl-istess żona, hekk

jixraq li nisimgħu lir-residenti ta' Ghajnsielem u noġġezzjona għall-applikazzjoni ta' dan l-iżvilupp industrijali f'rahalna.

## 12.9 Hatriet ta' bordijiet għall- evalwazzjoni għall-offerti

12.9.1 Is-Sindku spjega li peress li għandna bosta tenders li ser jagħlqu, jinħtieġ li nappontaw l-Bord tal-Għażla biex immedjatament ikun jista jibda jevalwa l-offerti. Għalhekk il-Kunsill qabel li għal dawn l-offerti, l-bord tal-għazla jkun kompost kif ġej:-

12.9.2 [GHJN/04/2025] SUPPLIES – TENDER FOR THE SUPPLY OF AN ELECTRIC TIPPER VEHICLE – Bord kompost mill-Avukat Joshua Grech, Inginier Mario Cauchi, is-Sur William Sultana, is-Sindku Kevin Cauchi u s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber.

12.9.3 [GHJN/03/2025] SERVICES - TENDER FOR STREET SWEEPING AND CLEANING OF URBAN ROADS USING LOW EMISSION SERVICE VEHICLE – GHAJNSIELEM GOZO – Bord kompost mill-Avukat Joshua Grech, Inginier Mario Cauchi, is-Sur William Sultana, is-Sindku Kevin Cauchi u s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber.

12.9.4 [GHJN/05/2025] SERVICES– TENDER FOR BULKY REFUSE COLLECTION IN GHAJNSIELEM USING LOW-EMISSION WASTE COLLECTION TRUCKS – Bord kompost mill-Avukat Joshua Grech, Inginier Mario Cauchi, is-Sur William Sultana, is-Sindku Kevin Cauchi u s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber.

12.9.5 (GHJN/03/2025) Request for Quotation (RFQ): Book Bench Production and Installation – offerta waħda biss u hija compliant minkejja 20% għola mill-prezz mitlub. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bl-approvazzjoni tagħha.

12.9.6 Is-Sindku għamel referenza għall-ħtieġa ta' sit għal storage temporanju. Huwa spjega li għalkemm ma' kienx faċli, nġabru numru ta' stimi ta' siti li huma idejali biex iservu ta' storage u l-orħos stima kienet ta' Michael Azzopardi. Din l-għalqa tinsab fi Pjazza Tolfa qrib il-maħżen l-ieħor tal-Kunsill. Sar qbil li jsir kuntratt ta' tlett snin b'kera ta' €100 fix-xahar bil-possibilta li jiġġeded.

## 12.10 Korsijiet edukattivi għas-sajf

12.10.1 Is-Sindku propona li sabiex l-istudenti jagħmlu l-aħjar użu mis-sajf, il-Kunsill għandu jorganizza numru ta' korsijiet. Sar qbil li għandna norganizzaw sezzjonijiet ta' qari u kitba bil-Malti fil-Librerija, Playgroups għat-trabi u tfal żgħar, sezzjonijiet ta' Aqra Miegħi, korsijiet tal-bizzilla u ġiet proposta wkoll il-possibilita' li ninkludu kors tal-arranġamenti tal-fjuri.

**12.11 Insurances għall-proġetti u dik tal-Kunsill**

12.11.1 Il-Kunsill ġabar stimi tal-insurance għall-public Liability, third party u attivitajiet. L-orħos offerta kienet dik ta' Laferla għall-prezz ta' €2862 Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi fuq din l-istima.

**12.12 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti numru 143 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti gew approvati.

**12.13 Materji oħra**

Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

**12.14 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju 2025 fl-4:00pm.

***Kevin Cauchi***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Eżekuttiv***